MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Rikors Numru. 76/2005/1

**Saviour Ellul (ID 669655M)**
**Mary Ellul (ID 400957)**

**vs**

**Emanuel sive Noel Baldacchino, Giovanna Diedo, Carmen Scicluna, John Baldacchino (ID 462546M), Rose Cauchi, Joseph Attard, Lawrence Attard, Gaetano Attard, Agnes Galea, Elizabeth Borg, Theresa Mallia, Rose Fenech, Angelo Attard, John Attard, Frances Attard, Joseph Baldacchino, Mary Zerafa, Norbert Ellul, Victor Ellul, Mario Ellul, Joseph Ellul, John Baldacchino (ID 524743M) John Baldacchino ((ID 565543M), Catherine mart Gaetno Zammit, Rosario Baldacchino, Stephen Baldacchino u George Baldacchino.**

Il-Bord:

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi l-esponenti jikru minghand l-intimati l-fond ossia ‘Netta Store’ 215, Qormi Road, Marsa, bil-kera ta’ mija u loira Maltin (Lm101) pagabbli kull sena bil-quddiem.

Illi recentement l-esponenti gew notfikati b’ittra ufficjali datata 19 ta’ Settembru 2005 fejn gew interpellati jhallsu l-kera gdida u kif giet awmentata ghall-fond lilhom lokat somma ta’ mitejn u hamsin lira maltin (Lm250).

Illi l-esponenti qeghdin jopponu l-hlas tal-awment fis-somma mitluba bhala kera ghall-imsemmi fond u dana stante l-awment mitlub mhux gust.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu ghall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitlu 69 tal-Ligijiet ta’ Malta jichad it-talba ghall-gholi fil-kera fis-somma mitluba.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi t-talba tal-esponenti huwa li l-kera tkun ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) u mhux ta’ mitjen u hamsin lira Maltin (Lm250) fis-sena.

Illi inoltre, tali talba hija gustifikata u dan tenut kont tan-natura kummercjali tal-fond u l-ambjent u l-lokalita’ relattivi.

Semgha ix-xhieda;

Ra l-atti kollha;

Ikkonsidra:

Illi stante li dan ir-rikors kien jehtieg assistenza teknika, c-Chairman assenja biex jassistuh lill-membri tieghu l-Perit AIC Fredereick H. Valentino u l-Perit AIC John Sciberras;

Illi z-zewg membri teknici waslu ghall-konkluzzjonijiet taghhom dwar x’ghandu jkun l-kera gust, liema konkluzzjonijet huma annessi ma’ din id-decizjoni u li jiffurmaw parti integrali minnha..

Illi l-membri teknici ikkonkludew illi l-kera attwali ta’ mija u wiehed liri (Lm 101) fis-sena pagabbli fis-sena bil-quddiem diga’ teccedi l-erbghin fil-mija fuq il-kera xieraq li bih l-istess fond kien mikri jew li seta’ jinkera qabel l-4 t’Awissu 1914 a tenur tal-artikolu 5 (b) tal-Kap 109 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant l-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------